**Minuti tat-375 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**il-Ħamis, 23 ta' Settembru, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.50 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Joseph Buttigieg kien skużat.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-374 laqgħa.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Catania staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Korporazzjoni *Enemalta* dwar xogħol relatat ma' bini ta' *sub station* ġdida fi Triq l-Inkurunazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ftit ta' snin ilu l-Kunsill kien ġie nfurmat verbalment mill-Korporazzjoni li kien hemm kuntrattur li kien għamel talba formali lill-Korporazzjoni biex tinbena *sub station* f'din it-triq. Is-Sur Catania ppropona li l-Kunsill jikteb mill-ġdid lill-Korporazzjoni *Enemalta* u jitlob informazzjoni dwar ix-xogħol li hu ppjanat li ser isir u dan peress li r-residenti qed jitolbu li din it-triq tiġi rranġata.

Is-Sur Pace staqsa dwar meta ser jingħata bidu għat-tieni fazi ta' xogħol ta' titjib fiċ-Ċentru Ċiviku li jinkludi l-installazzjoni tal-*lift*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jitħejja d-dokument tal-offerti biex tinħareġ is-sejħa pubblika għal dan ix-xogħol.

Is-Sur Pisani tkellem dwar korrispondenza li nqrat fil-laqgħa preċedenti dwar il-Patt tas-Sindki u qal li ma kien sab l-ebda referenza dwar sanzjonijiet marbuta mal-iffirmar u l-kundizzjonijiet ta' dan il-Patt.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar id-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Bonnici staqsa meta ser issir l-istqarrija għall-istampa dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq tal-Labour u Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal li din l-istqarrija kienet ser issir fi żmien qasir.

Is-Sur Grech qal li huwa kien ikkuntatja lill-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida u kien qed jistenna risposta minn għandhom.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' tad-Djar dwar li ser issir laqgħa mas-Sindku biex tiġi ddiskussa l-possibilita' ta' xogħlijiet ta' *upgrading fil-Housing Estate*. Din il-laqgħa ser issir nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ottubru, 2010 u s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jattendi għal din il-laqgħa.

Inqrat korrispondenza dwar applikazzjoni PA/03937/10 biex garaxx fi Triq Leli Tabone jintuża għal-ipparkjar ta' *mini bus* u biex isiru xi alterazzjonijiet mal-faċċata. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lill-Awtorita' tal-Ippjanar u joġġezzjona għal din l-applikazzjoni. Dan peress illi l-Kunsill kien diġa oġġezzjona formalment għal dan.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Catania talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Azzopardi li talab permess biex titpoġġa *track* għal *quad bikes* fil-venda tal-linja fi Triq is-Santwarju jew fit-Teatru Grieg tal-bandli fi Triq il-Kunvent. Is-Sindku ppropona li ma jingħatax permess biex dan isir minħabba li kien ser jinħoloq inkonvenjent għar-residenti. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u din il-proposta għaddiet b'sitt voti favur u astenzjoni waħda.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn dwar attivita' muzikali u kulturali li ser tiġi organizzata f'Eschborn, f'Montgeron u f'Povoa de Varzim. Din l-attivita' ser tkun iffinanzjata mill-Fondi Ewropej. Il-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar ġie mistieden jipparteċipa f'din l-attivita'. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għal dawk il-muziċisti Żabbarin li huma nteressati jipparteċipaw.

Inqrat Memo 121/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2011 bl-iskop li tkompli tikber l-attivita' sportiva fil-lokalitajiet.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) dwar Memo 21/2010 rigward Skema ta' finanzjament għar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Id-Direttur Ġenerali nforma lill-Kunsill li peress li din is-sena d-Dipartiment irċieva ammont konsiderevoli ta' applikazzjonijet, il-Bord ta' Evalwazzjoni ddeċieda li jintgħażlu dawk l-applikazjonijiet li kellhom fihom restawr ta' niċeċ, statwi u slaleb. Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill jerġa' jikteb lid-Dipartiment dwar il-fatt li dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu komunikati lill-Kunsill qabel ma ssir l-applikazjoni u mhux wara biex jiġi ffrrankat xogħol u spejjez zejda. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb din l-ittra.

Inqara invit mibgħut lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun dwar attivita' kulturali Żejt iż-Żejtun li ser issir nhar is-Sibt 25 u l-Ħadd 26 ta' Settembru, 2010.

Inqraw il-minuti tal-laqgħa tar-Reġjun Xlokk li saret nhar it-Tnejn, 13 ta' Settembru, 2010.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba li saret mill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill is-Sinjura Mary Rose Caruana biex taħdem ħinijiet ta' xogħol imnaqqsa. Fuq proposta tas-Sur Bonnici, li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem ħinijiet mnaqqsa tiġi aċċettata.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-26 ta' Awwissu, 2010 u l-23 ta' Settembru, 2010 li kien jammonta għal €42,914.41. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Awwissu 2010 li kien jammonta għal €184.99. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech.

Fit-8.10 ta' filgħaxija s-Sur Robert Buhagiar talab li jkun skużat.

Inqraw il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-laqgħa li saret mal-kumpanija *Greeenpak.* Is-Sur Bonnici qal li kienu ser isiru żewġ kampanji edukattivi għar-residenti fix-xhur li ġejjin u kienu ser jitqassmu *leaflets* ta' informazzjoni f'kull dar.

Fit-8.15 ta' filgħaxija is-Sur Pace talab li jkun skużat.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni proposta mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Bonnici, biex isiru trasferimenti fl-estimi annwali għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2010 kif ġej:

L-ammont ta' €45,000 jiġi trasferit mill-vot 7500 Proġetti Speċjali għall-vot 2300 Tiswijiet u Manutenzjoni. L-ammont ta' €25,000 jiġi trasferit mill-vot 7500 Proġetti Speċjali għall-vot 3330 Ospitalita' u Servizzi lill-Komunita' filwaqt li l-ammont ta' €20,000 jiġi trasferit mil-vot Proġetti Speċjali għall-vot 7100 Bini. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn it-trasferimenti u jiġi emendat l-estimi annwali.

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 7/2010)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi tlett offerti għall-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 7/2010). L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| <u>Kuntrattur</u> | <u>Prezz</u> | <u>Dokumenti</u> |
|---|---|---|
| Christopher & Ronald Bezzina | €3.40 *(per call)* | Mimlija u ffirmati |
| Joseph Sare | €28 *(per call)* | Mimlija u ffirmati |
| David Grech | *Bill of quantities* mhux mimlija | Mimlija u ffirmati |

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-offerta dik mingħand is-Sinjuri Christopher & Ronald Bezzina li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-servizz ta' uffiċċjal inkarigat mil-librerija (ZLC 8/2010)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi żewġ offerti għall-servizz ta' uffiċċjal inkarigat mil-librerija (ZLC 8/2010). L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| <u>Kuntrattur</u> | <u>Prezz</u> | <u>Dokumenti</u> |
|---|---|---|
| Joseph Sare | €29.50 is-siegħa | Mimlija u ffirmati |
| Mary Grace Vassallo | €8.00 is-siegħa | Mimlija u ffirmati |

Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-offerta mingħand is-Sinjura Mary Grace Vassallo li kienet l-aktar offerta vantaggjuża.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sindku talab li l-Kunsill jikteb lil *Transport Malta* biex isiru *parking bays* fi Triq Bieb is-Sultan.

Is-Sur Pisani staqsa jekk il-Kunsill kienx disponibbli li jgħin tfal li għandhom bżonn attenzjoni speċjali fl-iskola.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li jsir *patching* fi Triq San Anard limiti ta' Xaqqa.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Kunvent ma' Triq il-Karmnu.

Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill ġie mistieden jibgħat artisti Żabbarin sabiex ittellgħu esebizzjoni ta' arti waqt Eschenfest f'Mejju. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ avviż pubbliku għal dawk l-artisti Żabbarin li lesti jesebixxu l-arti tagħhom f'din l-attivita'.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li jiġi rranġat ċint li hemm fi Triq is-Saqwi peress illi dan ma sarx meta kien qed isir xogħol mill-Gvern Ċentrali f'din it-triq.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li jsir *patching* quddiem il-ħanut ta' Kalċ f'Misraħ is-Sliem.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-376 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru, 2010.

Domenic Agius
Sindku